31995D0339

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Lulju 1995

li temenda l-Kapitolu 1 ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE li tistabbilixxi l-ħtiġiet għas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fi u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti mhux suġġetti għall-imsemmija ħtiġiet stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza dwarhom fl-Anness A (I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward ta' patoġeni, tad-Direttiva 90/425/KEE

(Test b'referenza ŻEE)

(95/339/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa tal-pubbliku li jirregolaw il-kummerċ fi u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li mhumiex suġġetti għall-imsemmija ħtiġiet stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza dwarhom fl-Anness A (I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward ta' patoġeni, tad-Direttiva 90/425/KEE [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 15 tagħha,

Billi, b'segwiment ta' l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku Veterinarju, it-tip ta' trattamenti li għandhom jintużaw u l-ħtiġiet stabbiliti għandhom jiġu estiżi għall-prodotti kollha tal-ħalib u l-*colostrum*;

Billi biex f'ġieħ il-kjarezza, il-Kapitolu 1 ta' l-Anness I tad-Direttiva 92/118/KEE għandu jiġi miktub mill-ġdid;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu 1 ta' l-Anness I tad-Direttiva 92/118/KEE huwa hawnhekk mibdul bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun tapplika mit-2 ta' Frar 1996.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, is-27 ta' Lulju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU Nru L 62, 15. 3. 1993, p. 49.

ANNESS I

"KAPITOLU I

Il-ħalib, il-prodotti tal-ħalib u *colostrum* mhux intiżi għall-konsum uman

Il-kummerċ intra-Komunitarju tal-ħalib, tal-prodotti tal-ħalib u tal-*colostrum* mhux intiżi għall-konsum uman u l-importazzjoni tagħhom huma suġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kontenitur li fih il-prodott ikun ittrasportat għandu jkun immarkat biex juri n-natura tal-prodott;
2. kull kunsinna għandha jkollha magħha, kif xieraq, dokument kummerċjali kif hemm referenza dwaru fl-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 4 (2) (a) jew ċertifikat tas-saħħa kif hemm referenza dwaru fl-Artikolu 10 (2) (c), li jġib l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni ta' l-impjant ta' l-ipproċessar jew tat-trattament; id-dokument jew iċ-ċertifikat għandu jinżamm mir-riċevitur ta' l-anqas għal sena;
3. id-dokumenti jew iċ-ċertifikati li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 2 għandhom juru:
   (a) fil-każ tal-ħalib nej jew tal-*colostrum*, li jkun ġie prodott taħt il-kondizzjonijiet li joffru garanziji xierqa fir-rigward tas-saħħa ta' l-annimali. Kondizzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu stabbiliti bi qbil mal-proċeduri stabbilita fl-Artikolu 18;
   (b) fil-każ tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ittrattati jew ipproċessati, il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn trattament ta' sħana ta' l-anqas ta' 72°C almenu għal 15-il sekonda jew xi tagħqid ta' temperatura u żmien li jkollhom almenu l-effett ekwivalenti ta' sħana u li jipproduċu reazzjoni negattiva għat-test tal-*phosphatase*, segwit bi:
      (i) fil-każ ta' trab tal-ħalib jew tal-prodotti tat-trab tal-ħalib, proċess ta' tnixxif;
      (ii) fil-każ tal-prodotti tal-ħalib aċidifikati, proċess li bih l-pH jitnaqqas u jinżamm ta' l-anqas għal siegħa f'livell ta' taħt 6,0;
   (ċ) fil-każ tat-trab tal-ħalib jew tal-prodotti tat-trab tal-ħalib, il-ħtiġiet li ġejjin ikunu ġew imħarsa:
      (i) wara t-tlestija tal-proċess tat-tnixxif, kull prekawzjoni tkun ittieħdet biex ma titħalliex li ssir kontaminazzjoni tal-prodott;
      (ii) il-prodott finali jkun ġie ppakkjat f'kontenituri ġodda;
   (d) fil-każ tal-kontenituri tal-massa, qabel ma l-ħalib, il-prodott tal-ħalib jew il-*colostrum* ikun ġie mgħobbi fuq xi vettura jew kontenitur għall-ġarr għad-destinazzjoni tiegħu, l-imsemmija vettura jew kontenitur kienu ddisinfettati bl-użu ta' prodott approvat mill-awtoritajiet kompetenti.
4. Flimkien mal-ħtiġiet stabbiliti fil-punti 1, 2 u 3, l-importazzjoni tal-ħalib, tal-prodotti tal-ħalib u tal-*colostrum* mhux intiżi għall-konsum uman jistgħu jkunu awtorizzati biss minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi inklużi fil-lista li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 92/46/KEE u li jħarsu l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26 ta' dik id-Direttiva. Meta r-riskju li tiddaħħal xi marda eżotika jew xi riskju ieħor għas-saħħa ta' l-annimali jkun identifikat, il-kondizzjonijiet addizzjonali għall-protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali jistgħu jkunu stabbiliti bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18".